# Ir-Rigal tal-Papa Benedittu XVI lill-Grotta ta' San Pawl u Tifkiriet Oħra tal-Papiet

Mons. Ġwann Azzopardi

Darba rċevejt telefonata mingħand in-Nunzju Appostoliku biex nagħtih kopja oħra tal-Ktieb *Salve Pater Paule* għax xi ħadd minn Ruma kellu bżonn kopja tiegħu. Tajtulu bla ma fhimt għaliex.

Meta fis-17 t'April il-Papa Benedittu XVI, ftit wara li wasal Malta, ġie jżur il-Grotta rajna fuq mejda ċkejkna fil-Grotta kaxxa mdaqqsa miksija b'ġild abjad fin u fuq il-wiċċ tagħha l-arma tal-istess Papa Benedittu sgraffita lewn id-deheb. Wara li l-Papa talab fil-Grotta u ffirma l-ktieb tal-visitaturi, infetħet din il-kaxxa u l-Papa ppreżenta lill-Arċipriet lampier tal-fidda ndurat. Il-lampier kien fih erbgħa rilievi b'erbgħa episodji mill-ħajja ta' San Pawl, kif ukoll sitt skrizzjonijiet bil-Latin. Il-lampier kien ir-rigal tal-Papa Benedittu lill-Grotta b'tifkira taż-żjara tiegħu fiha.

Fil-ktieb tal-Festa tas-sena l-oħra diġà nkiteb xi ħaġa dwar dan ir-rigal li nħadem f'Ruma mid-ditta Savi[1]. Hawnhekk se nagħti aktar dettalji wara li d-Ditta Savi fuq talba tiegħi bagħtitilna kopja tad-disinji kollha li saru mill-istess Ditta biex isir dan il-lampier. Irrid inżid li qabel ma tlabt dawn id-disinji lid-Ditta biex narkivjahom fil-Mużew kont ikkonsultajt lil Mons. Alfred Xuereb, segretarju partikulari tal-Papa u l-konsulent artistiku għal dan id-disinn. Mons. Xuereb kien favorevoli u rrakkomanda lid-Ditta biex tibgħathomlna. Il-pakkett wasal bil-posta fid-9 ta' Novembru 2010 u kien fih tlett folji kulur sepia (34 x 50cm) u żewġ folji bojod (30 x 42cm). L-ewwel folja fiha d-disinn sħiħ



Il-Papa Benedittu jippreżenta l-lampier lill-Arċipriet fil-Grotta







Id-disinn sħiħ tal-lampier u l-lampier li ġie esegwit

tal-lampier. Kull waħda mill-ħames folji l-oħra fiha numru ta' disinji. Meta teskludi d-disinji duplikati, b'kollox issib 20 disinn ta' riljievi: minn dawn l-20 disinn ġew esegwiti ħdax waqt li d-disgħa l-oħra ġew imwarrba.

Mill-istudju ta' dawn id-disinji joħorġu tlett konklużjonijiet:

1. Id-ditta Fratelli Savi, ta' Claudio u Piero Savi, li għandha s-sede tagħha f'numru 14 Vicolo del Farinone, Ruma ġiet mitluba tħejji disinn għal lampier tal-fidda ndurat li l-Papa Benedittu XVI ried jagħti lill-Grotta ta' San Pawl. L-idea ġenerali tad-disinn ingħoġbot u d-ditta ġiet mitluba tħejji d-disinji għall-bassorilievi u l-iskrizzjonijiet tiegħu.



Id-disinnji oriġinali tar-rilievi

2. Is-suġġetti tar-riljievi kienu se jkunu (1) *is-Sejħa (la Chiamata)* jiġifieri l-Konverżjoni (kelma li llum qed tintuża anqas); (2) *il-Martirju,* (3) *in-Nawfragju* u (4) il-*Predikazzjoni (Predicatore).*

3. Ma jirriżultax jekk id-disinji li ġew preżentati kinux invenzjoni oriġinali jew inkella kinux ispirati minn kwadri li jinsabu barra minn pajjiżna. Iżda meta ġew preżentati, saru konsiderazzjonijiet ġodda. L-ewwelnett ġie deċiż li wieħed mis-suġġetti jinbidel: flok San Pawl jipprietka isir riljiev ta' San Pawl jagħmel il-miraklu ta' fejqan f'Malta. It-tieni ttieħdet id-deċiżjoni feliċi – forsi minn Mons. Alfred Xuereb stess –li jsiru disinji ġodda bażati fuq pitturi li jinsabu f'Malta u għalhekk huma diġà magħrufin mill-Maltin.

Naħseb li kien hawn li talbuni l-ktieb tal-wirja li kienet saret fil-Mużew tal-Kulleġġ fis-sena Pawlina (2008-2009). Dan il-ktieb fih diġà illustrazzjonijiet



Id-disinnji tal-iskrizzjonijiet: l-oriġinali u l-finali





Il-Konversjoni: pittura, disinn, riliev

ta' kwadri li jinsabu f'Malta u li fis-sena Pawlina rawhom ħafna Maltin u barranin, fosthom il-Kardinal Ennio Antonelli, il-mibgħut speċjali tal-Papa għal Malta għas-sena Pawlina. B'hekk ma kienx hemm għalfejn jittieħdu ritratti ġodda. Ir-ritratti llustrati fil-ktieb tal-wirja intagħżlu għax huma l-aħjar fuq is-suġġett tagħhom, anki jekk f'Malta hemm kwadri oħrajn fuq l-istess suġġett. Naturalment minn dawn il-kwadri riedu jintagħżlu biss dettalji ċentrali, għax ir-riljievi tal-lampier huma biss ta' ftit ċentimetri.

3. Fl-aħħarnett ġie deċiż li jinbidel l-ilsien tal-iskrizzjonijiet: dawn kienu bit-taljan u issa saru bil-Latin, l-ilsien sabiħ uffiċjali tal-Knisja.

Niġu mela għall-għażliet finali tal-kwadri.

1. *Is-sejħa ta' Pawlu*. Il-kwadru li ngħażel hu dak li jinsab fil-Knisja ta' San Pawl li hemm f'Bormla u li kien ġie mpitter mill-artist Malti Rokku Buhagiar (1723-1805)[2]. Il-Knisja ta' San Pawl f'Bormla hi dedikata lis-Sejħa (Konverżjoni) ta' San Pawl, u ġiet mibnija mill-ġdid fl-1741. Fil-bidu kellha kwadru titulari ieħor iżda l-Isqof Labini kien ordna titular ġdid, li hu dak preżenti. Sal-gwerra t-titular il-qadim kien għadu merfugħ fil-knisja.

2. *In-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta*. Il-kwadru li ntagħżel hu dak titulari tal-knisja tal-Ħġejjeġ f'San Pawl il-Baħar, knisja mibnija mill-Gran Mastru Aloph de Wignacourt u li għadha sal-lum tappartieni lill-Grotta ta' San Pawl. Il-kwadru hu attribwit lill-pittur Sqalli li ħadem f'Malta, Giulio Cassarino[3]. Il-kwadru sar fis-sena 1617 u man-nies li hemm madwar San Pawl l-artist daħħal ukoll lill-istess Gran Mastru Wignacourt kif ukoll lilu nnifsu, bilwieqfa bil-paletta tal-kuluri ħdejn riġlejh.

3. *Il-Fejqan ta' missier Publiju*. Ġie magħżul ix-xogħol tal-Pittur Elio Coccoli (1880-1974) ta' Brescia li jinsab fis-saqaf tal-Kolleġjata ta' San Pawl tar-Rabat[4].

4. *Il-Martirju ta' San Pawl*[5]. Il-kwadru li ġie magħżul għandu storja kurjuża li tajjeb tinkiteb. Huwa wieħed minn serje ta' tnax-il kwadru orizzontali li juru l-martirju tat-tnax l-appostlu iżda f'dawn il-kwadri kull appostlu hu muri darbtejn,



In-Nawfraġju: pittura, disinn, riliev








Il-Fejqan: pittura, disinn, riliev

darba ħaj u attiv u darba qed isofri l-martirju u f'xi każ anki darb'oħra fil-glorja. Din is-serje kienet proprjetà tal-kollegjali tal-Grotta u kienet inġabet mill-*Conservatoria* tal-Ordni ta' San Ġwann biex iżżejjen is-sagristija l-ġdida tal-Knisja ta' San Publiju li nbniet fl-ewwel snin tal-1680. Fil-fatt dawn il-kwadri baqgħu f'din is-sagristija għal aktar minn tlett mitt sena, u ġew trasferiti fis-sagristija ż-żgħira ta' San Pawl mill-Arċipriet Louis Suban ftit snin ilu biex jitgawdew aktar.

X'kienet il-*Conservatoria* tal-Ordni ta' San Ġwann? Kull kavallier kien marbut li wara mewtu erbgħa minn kull ħamsa ta' ġidu jgħaddi lill-Ordni, u seta' jiddisponi biss minn parti waħda minn ħamsa ta' ġidu. Allura l-Ordni kellu 'maħżen' kbir ta' opri tal-arti mħollija mill-Kavallieri wara mewthom; dawn kienu jingħataw jew jinbiegħu skont il-bżonn tal-mument. Meta nbniet is-sagristija ġdida tal-kulleġġ, ir-rettur tal-Grotta nzerta kien l-istess Gran Prijur tal-Ordni, Fra Pierre Viany, li kellu s-setgħa jordna li jinġiebu minn dan il-post il-kwadri meħtieġa biex tiżżejjen din is-sagristija.

Ma' dan is-sett tal-appostli l-kolleġjali ġabu wkoll il-Kurċifiss qadim tant sabiħ tal-injam u r-relikwa tas-Sudarju ta' Kristu.

X'wassal biex tinbena sagristija ġdida tal-knisja ta' San Publiju? Nafu li l-Knisja ta' San Pawl mibnija minn Cosmana Navarra damet ħafna snin b'kappellun wieħed, dak ta' San Anton għax l-ispazju ta' pariġġu kien okkupat mill-ġnien tal-Ordni u l-Gran Mastru Nicola Cotoner ma riedx iċedih lil Cosmana biex tkompli l-Knisja. Mal-mewt ta' dan il-Gran Mastru, laħaq Gregorio Carafa li mill-ewwel ippermetta l-għoti tal-ġnien biex titkompla l-Knisja basta Cosmana Navarra tibnilu minn flusha, waqt ix-xogħol, sagristija ġdida bl-aċċessorji tagħha.

Kien dejjem iberren f'moħħi biex insib l-awtur ta' din is-serje ta' kwadri. Kull wieħed hu miżgħud b'ħafna figuri u l-istil hu antik. Fil-katalgu tal-wirja Pawlina tat-2008/9, il-kwadru tal-Martirju ta' San Pawl kien ġie inkluż u attribwit lill-pittur Sqalli tas-seklu 17. Iżda l-kittieb stqarr li din is-serje ta' tnax-il kwadru timmerita aktar studju.

Konna fortunati li mill-internet sirna nafu li





Il-Martirju: Pittura, disinn, riliev

d-ditta Renzo Campanini ta' Siena rreklamat għall-bejgħ serje ta' 13 l-inċiżjoni fi stat ta' konservazzjoni mill-aħjar, li juru l-martirju tat-tnax l-appostlu flimkien mal-Passjoni ta' Kristu. Mill-ewwel deher li hemm xebh kbir mal-kwadri tagħna. Is-serje sħiħa kienet tqum euro 2,360 (qisu elf lira Maltin). Dħalt f'korrispondenza mad-ditta li kkoperat bil-bosta u bagħtitlna r-ritratti ta' serje kollha. Irriżulta li s-serje tagħna hija kopja fuq it-tila mill-aktar fidila ta' dawn l-inċizjonijiet. L-inċizur hu l-magħruf artist Olandiż Hendrick Goltzius (1588-1617) fuq l-invenzjoni ta' M. De Vos. Ma nafux meta u minn min saru l-kopji fil-pittura li għandna fir-Rabat. Lanqas nafu jekk is-serje sħiħa meta kienet fil-Conservatoria tal-Ordni kellhiex ukoll il-kwadru l-ieħor tal-Passjoni ta' Kristu.

Min pitter dawn l-inċizjonijiet ħalla barra l-kliem li jinsabu fl-inċizjonijiet, jiġifieri l-isem ta' kull appostlu fid-dijadema ta' rasu, kif ukoll l-isem tal-inċiżur u l-inventur u l-iskrizzjoni f'erba versi poetiċi li hemm taħt kull inċizzjoni. Id-differenzi bejn l-inċizzjoni u l-kwadru huma wisq minimi u ddum ħafna biex tittendi bihom. Inżid ngħid li s-serje sħiħa tal-kwadri tar-Rabat ma tinstabx fi stat tajjeb u teħtieġ restawr. Il-gwarniċi huma aktar tardivi mill-kwadri.

Fl-aħħarnett nirringrazzja mill-ġdid lis-sur Paul Borg ta' Michigan, illum konslu għal Malta f'Detroit – Michigan, li bil-ġenerożità solita tiegħu tana l-flus biex il-Mużew tagħna jixtrihom[6].

Wara li tajna dawn id-dettalji tar-rilievi tal-lampier, ngħaddu għal xi kummenti ġenerali. L-età u l-istil tal-erbgħa kwadri magħżula ivarjaw ħafna. Il-kwadru tal-Martirju hu xogħol Goltzius l-inċizur tas-seklu 16: dak tan-Nawfraġju tpitter minn Cassarino fil-bidu tas-seklu 17: il-kwadru tal-Konverzjoni tpitter minn Rokku Buhagiar lejn nofs is-seklu 18 u l-Miraklu tal-fejqan ta' Missier Publiju tpitter minn Elio Coccoli fis-seklu 20. Goltzius huwa Olandiż, Cassarino hu Sqalli, Coccoli hu taljan minn Brescia u Rokku Buhagiar hu Malti. Iżda hemm element komuni fihom ilkoll: il-kwadri kollha jinsabu venerati fi knejjes Maltin dedikati lil Missierna San Pawl.

Dan il-lampier hekk fin u maħsub għal ambjent ċkejken inżamm fil-Grotta għal xi żmien, u aktarx jitqiegħed fil-ġranet tal-festa. Preżentament jinsab fil-Knisja prinċipali ta' San Publiju. Forsi għad jinsab post alternattiv aktar adegwat fejn jitgawda aħjar.

# Rigali ta' Papiet oħrajn fil-Knisja tagħna

La semmejna dan ir-rigal hekk sabiħ tal-Papa Benedittu lill-Grotta, nagħlaq billi nelenka rigali oħra materjali (jiġifieri mhux indulġenzi jew digrieti) tal-Papiet li għandna fil-Parroċċa tagħna. Dawn ir-rigali jew kienu ġew regalati mill-Papiet stess jew mogħtija lilna minn ekkleżjastiċi konnessi magħhom.

Nibdew mill-**Papa Pawlu V** fl-ewwel snin tas-seklu 17. Dan il-Papa (Borghese) li għandna ritratt kbir tiegħu fil-Knisja ta' San Publiju kien laqa' lill-eremita spanjol Juan Benegas de Cordoba li mar għandu jitlob u jaqla' li jieħu taħt idejh u jippromovi kif jixraq lill-Grotta ta' San Pawl. Lil dan l-eremita l-Papa taħ is-salib pettorali tiegħu tad-deheb mimli relikwi; is-salib li kellu fuq l-iskrivanija tiegħu, ukoll mimli relikwi, kif ukoll sett ta' lbies liturġiku tiegħu: alba, pjaneta, maniplu, ċinglu u stola.

Nsemmi warajh lill-**Papa Alessandru VII** li kien inkwiżitur Malta (1634-1639) u li kien iġib l-isem ta' Fabio Chigi. Meta kien Malta dan il-futur Papa żar il-Grotta almenu darbtejn. L-ewwel żjara saret fid-29 ta' Jannar 1636 meta għal ħamest ijiem beda jdur Malta biex jevita l-briju żejjed tal-Kavallieri fil-ġranet tal-Karnival. Dettalji dwar iż-żjara tiegħu tal-1636 fil-grotta jinsabu f'ittra tiegħu lil zijuh. Fiha jagħmel diversi kummenti interessanti fosthom l-umdità tal-grotta u juru s-suspett tiegħu li hemm madwar il-Grotta xi riserva ta' ilma (ħaġa li għad tista' tiġi ppruvata)[7]. It-tieni darba li l-futur Papa żar il-Grotta kien fid-9 ta' Ġunju 1637 meta kien akkumpanjat minn tliet persuni importanti, li kienu l-biblijotekarju tal-Vatikan Lucas Holstenius, il-matematiku ġiżwita ta' fama internazzjonali Athanasius Kircher u l-Landgravju tal-Ġermanja Friedrick ta' Hessen-Darmstadt. Dan il-persunaġġ Ġermaniż minn Luteran kien sar Kattoliku f'Malta, okkupa karigi importanti fl-Ordni u fl-aħħar spiċċa Kardinal. Il-grupp kollu assista għal quddiesa fil-Grotta.

Tifkira tal-Papa Alessandru VII huwa l-papoċċ liturġiku ta' kulur aħmar, li hu miżmum fil-Mużew u li f'April 2010 ġie restawrat mill-konservatriċi Gill Camilleri. Kienet drawwa tal-prelati li fil-festi jilbsu wkoll sandali skont il-kulur liturġiku tal-ġurnata. Ma nafux meta ġie għandna iżda jinsab reġistrat fl-inventarji qodma kollha bħala lbies tal-Papa Alessandru VII[8].

Immorru tliet mitt sena wara u niġu għal **Papa Pawlu VI**, li kif kien qalilna s-segretarju privat tiegħu Mons. Pasquale Macchi meta żar il-Grotta,

# Ir-Rigali tal-Papa Pawlu V lill-Grotta ta' San Pawl

















"Imma hu farfar il-lifgħa ġon-nar u ma ġralu xejn" (Atti 28, 5)



Alessandru VII: Is-Sandali liturġiċi



Pawlu VI: lampadari

kienet ix-xewqa tal-Papa li jżur Malta. Dan il-Papa kien laqa' fil-Vatikan ir-relikwa għażiża tad-Driegħ ta' San Pawl fi triqtha lura lejn Malta wara li żaret l-Awstralja. Il-Papa bies ir-relikwa u qal li anke hu bħal San Pawl ħa l-isem ta' Pawlu. Ritratt fuq it-tila ta' din l-okkażjoni jinsab fis-Sagristija tal-Parroċċa. Fil-Pontifikat tiegħu l-Papa Pawlu VI ikkoltiva s-servizz ta' bosta artisti u dawn ħallewlu bosta opri ta' arti. Qabel miet, il-Papa ħalliehom lis-segretarju personali tiegħu Mons. Pasquale Macchi biex wara mewtu hu jqassamhom kif jidhirlu f'isem il-Papa Mons. (aktar tard Isqof) Pasquale Macchi meta żar il-Grotta ddeċieda li jibagħtilna, minn dan il-legat tal-Papa, erba' lampadari tal-bronz xogħol tal-iskultur Milaniż Manfrini. Dawn illum jinsabu fil-Grotta. Il-bażijiet tar-rħam għal dawn il-lampadari ġew disinjati mill-iskultur Rabti Ġużeppi Galea.

Niġu issa għall-**Papa Ġwanni XXIII**, li ffirma l-Bolli Pontifiċji biex il-grotta terġa' tingħaqad mal-Parroċċa u din issir Kolleġjata. Kien bit-tħabrik tal-Kanonku Dekan Dun Karm Cefai li mingħand is-segretarju privat mal-Papa, l-Arċisqof Loris Capovilla, il-Kolleġjata tar-Rabat akkwistat stola bajda rrakkmata bid-deheb, stola li dan il-Papa kien tant iħobb jilbes. Magħha għandha l-ittra tad-donazzjoni iffirmata mill-Arċisqof Capovilla.

Il-**Papa Beatu Ġwann Pawlu II** kien l-ewwel Papa li żar il-Grotta bħala Papa. Dan kien fis-27 ta' Mejju 1990. M'għandna l-ebda memorja tanġibbli tiegħu ħlief l-awtografu tiegħu u tal-grupp kollu li ġie miegħu fil-Grotta, fil-ktieb tal-Viżitaturi tal-Parroċċa, kif ukoll ritratt kbir tiegħu mal-istatwa tal-Grotta ta' San Pawl, ritratt li kien iffirma wara quddiesa fil-kappella privata tiegħu fil-Vatikan (li fiha kkonċelebrajna wkoll il-Kan. Carmelo Cefai u jien) nhar is-17 ta' Novembru 1990. Il-memorja tiegħu tant għadha ħajja fostna.

Fl-aħħarnett il-**Papa Benedittu XVI** mhux biss żar il-Grotta, l-uniku santwarju li żar fil-mawra qasira tiegħu f'Malta, iżda ppreżentalna personalment ir-rigal wisq sabiħ tal-lampier li ddeskrivejna f'dan l-artiklu. Iffirma wkoll il-ktieb li tal-Viżitaturi. Hu ttamat li d-diskors fejn semma l-Grotta jiġi fil-futur imfakkar f'irħama mal-ħajt laterali tal-Knisja ta' San Publiju, viċin l-irħama l-oħra li tirreġistra d-diskors fuq il-Grotta tal-Papa Ġwann Pawlu II.



Ġwanni XXIII: Stola





**Ġwann Pawlu II: firem**





**Benedittu XVI; Pultruna, kaxxa, kallotta u awtografu**



**Referenzi**

[1] Il-Festi Taghna 2010, p. 54: 'Rigal mill-QT il-Papa lis-Santwarju Internazzjonali tal-Grotta'.

[2] Ktieb 'Salve Pater Paule', p. 46.

[3] Ara 'Salve Pater Paule', p. 82.

[4] Ara 'Salve Pater Paule', p. 48.

[5] Ara 'Salve Pater Paule', p. 122.

[6] Fil-ktieb tal-Festi tas-sena l-ohra 2010 p. 76 konna diġà habbarna dan l-akkwist u rringrazzjajna mill-qalb lis-Sur Paul Borg.

[7] Inġibu hawn il-kliem tieghu stess: *Mi scordavo di dire della grotta di S Paolo che è nel Rabbato, vicino a S. Agostino dove posavo. Si scende in essa per molti scalini, non ha lume se non dall'entrata, è tutta scavata nella roccia, con alcuni altarini, ma humida talmente, che non vi si conservano pure i lini da coprire i medesimi, o sia la conditione della pietra, o sia una cisterna ivi contigua, come io sospetto. Di qui si cava principalmente la terra di devotione contro i veleni quantunque tutto sia d'una sorte, et equalmente giovi ogni altra levata da tutta l'isola.* Mons. V. Borg, *A 1636 Description of Malta by a Future Pope,* Malta 1990, p.14.

[8] Inrodd hajr lir-restawratriċi s-sinjura Gill Camilleri ghas-servizz volontarju u ġeneruż taghha u ghar-relazzjoni teknika li baghtitilna.

[9] L-irhama bil-kliem tal-Papa Ġwanni Pawlu II kienet thallset mis-Sur Salvinu Vassallo waqt li dik tal-Papa Benedittu, li ssir wara li nottienu l-permess tal-MEPA, se tithallas mill-Fondazzjoni Patri Martin bit-thabrik tat-tabib Joseph Ferriggi.